MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Numru 606/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**
**V**

**DARREN GALEA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DARREN GALEA** ta' tmienja w ghoxrin sena, bin Carmelo u Maryann nee Zammit, imwieled Pieta nhar s-sittax ta' Awissu 1964 u residenti 'Sander', 283, Triq l-Ingilterra, limiti tan-Naxxar, detentur tal-karta tal-identita` numru 379374M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2002 bil-bitha tal-istabbiliment A. Satariano & Sons Limited sitwat fi Triq il-Wied tal-Imsida, limiti ta' B'Kara;

1. b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew

b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta' Mohammed Hassin M. Khalifa ta' nazzjonalita Libjana u bin-numru ta' passaport 416559;

2. Talli mpjiega jew ta xoghol lil istess Mohammed Hassin M. Khalifa, liema persuna ma kienetx ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond d-disposizzjonijiet tal-Kap 217 dwar l-Immigrazzjoni jew b'xi mod iehor ghen jew assista lil xi persuna li ma tkunx ezenti fl-ghemil tar-reat mahsub fl-artikolu 23 tal-istess Att;

3. Talli mpjiega persuna li ma kienetx cittadina ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu w ufficjali;

4. Talli bhala l-principal jew il-persuna li mpjiega persuni ohra whole-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lil Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig l-ETC b'dan l-impjieg kif hemm imnizzel fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 [3a u 10];

5. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, hadem is-sengha ta' bennej minghajr licenzja mid-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici.

Rat d-dokumenti esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta' Lulju 2003 esibit fl-atti a fol 6 markat bhala dokument CSH 2, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 2003 a fol 7 tal-atti processwali.
Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-process verbal relattiv redatt mill-Magisatrat Dottor Abigail Lofaro esibit fl-atti a fol 33 et seq.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-wiehed u tletin ta' Mejju 2004.

Semghet lil imputat jirregistra **ammissjoni ghall-ewwel u l-hames akkuzi** u dan fis-seduta tal-wiehed u tletin ta' Mejju 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati ta' dawn l-ewwel u l-hames akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati ta' dawn l-ewwel u l-hames akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jibqa biss t-tieni, t-tielet w r-raba akkuza li jrid jigu decizi.

Il-Qorti rat li ma kien hemm ebda xhud okulari tal-incident salv ghal imputat u l-istess imputat, kif kellu kull drtt li jaghmel, ghazel li ma jixhidtx f'dawn il-proceduri.

Dan nonostante pero nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2002 huwa xehed f'zewg okkazzjonijiet [vide fol 73 u 80 tal-atti odjerni] u dan wara li saret is-solita twissija.

L-imputat, meta kien riprodott biex jixhed fl-atti tal-inkjesta quddiem l-espert nominat mill-Qorti il-Perit Richard Aquilina dwar l-impjieg tal-vittma Mohammed Hassin El Khalifa, jghid s-segwenti "*Dalghodu* [b'referenza ghas-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2002] *wara li Jesmond kien telaq minn fuq ix-xoghol f'xi l-ghaxra jew l-ghaxra w nofs ta' filghodu, u ftit wara gie wiehed Gharbi fil-bitha li kellha l-bieb miftuh u talabni biex jahdem mieghi. Jien kelli bzonn l-ghajnujna biex intella xi bricks, newwiltlu s-sellum,*

*jien ghentu minn idejh u hu tela fuq. Hu tela fuq il-hajt fejn kien ta' xi tnax il-filata gholi sabiex jpoggi l-kartun biex fejn ma kienx sa jimtela bil-konkos dak ma jibqghax niezel u f'daqqa wahda dak waqt bil-hajt b'kollox… Jien accettajt li hu jahdem mieghi ghax bdejt inbati biex intella l-bricks wahdi. Ahna ftehmna ghal dak x-xoghol biss li kien ta' ftit sieghat u taghhom kont ser naghtih hames liri. Dan kien ghalllum biss.* "

Issa minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-Perit Richard Aquilina kien gie nominat fl-inkjesta mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro, il-Magistrat Inkwerenti, b'digriet tas-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2002 [vide fol 43 tal-atti], liema nomina saret ai termini tal-artikolu 548 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa skond l-artikolu 550(1) tal-Kap 9

***"Il-process verbal maghmul regolarment jista jingieb bhala prova fis-smiegh tal-kawza minghajr ma jkun jinhtieg li jinstemghu x-xhieda, il-periti jew persuni ohra li jkun xehdu fl-access."***

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li din il-Qorti kif preseduta kienet kkonfermat l-esperti nominati fl-inkjesta b'digriet taghha tal-wiehed u ghoxrin ta April 2004 [vide fol 30] u ghalhekk ma hemmx dubbju li l-process verbal esibit fl-atti ghandu jitqies li kien maghmul regolarment ai termini tal-artikolu 549(1) tal-Kap 9 u ghalhekk jikkostitwixxi prova konkluzziva.

Illi x-xhieda li l-imputat ta waqt l-inkjesta, ghalkemm ma gietx konfermata minnu fil-kumpilazzjoni, lanqas ma giet regettata minnu u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidraha bhala xhieda veritiera u kostanti.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paolo Tartaglia** dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 217 u cioe t-tifsira tal-impjieg. Dik il-Qorti irriteniet li:

*"Id-dispost tal-artikolu 11 tal-Kap 217 ma jsemmi ebda tul ta' zmien li wiehed irid ikun ilu jahdem bla permess. Kull ma jesigi dan l-artikolu bhala element kostituttiv tieghu huwa semplicement l-fatt li xi hadd ikun qed jahdem hawnhekk jew jezercita l-professjoni jew xoghol tieghu minghajr permess. Ma jsemmi xejn dwar hlas, kumpens jew zmien."*

Illi mill-provi prodotti il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat haddem persuna minghajr l-permessi relattivi minghand l-awtorita kompetenti. Huwa minnu li l-impjieg kien wiehed qasir, ta' ftit sighat, izda l-fatt semplici li l-imputat haddem persuna mieghu minghajr il-permess tal-Prim Ministru, billi jaghmel xi xoghol hawn Malta u rrispettivament mit-tul ta' zmien, huwa bizzejjed biex jissusisti dan r-reat.

Illi jirrizulta minn ezami tal-passaport tal-vittma esibit fl-atti bhala dokument DT a fol 12 et seq, li l-vittma Mohammed Hassin El Khalifa kien ta' nazzjonalita Libjan.

Illi ghalhekk r-rimanenti tlett akkuzi u cioe t-tieni, t-tielet w r-raba akkuza jirrizultaw ppruvati u l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati taghhom.

Dwar il-piena il-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat li ghenet sabiex jigi evitat dewmien inutili lil Qorti;
2. L-fedina penali relattivament nadifa tal-imputat salv ghal reat de minimis kontra l-Ordinanza tas-Sanita fis-sena 2001, meta nghata unconditional discharge ta' xahar;
3. Il-fatt li l-vittma stess ikkontribwiet ghal mewt taghha billi telghet fuq hajt li ma kienx ghadu msaqqaf u ghalhekk miet minhabba l-intervening act tieghu stess [vide **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Mejju 1948***].

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 225 tal-Kap 9, l-artikolu 23, 32(1)(b) tal-Kap 217, l-artikolu 95(1) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3a u 10 tal-Avviz Legali 110/1993 u wara li **tiddikjara li qed issib lil imputat**

**DARREN GALEA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre tikkundanna lil hati ghal hlas ta' multa ta' erbgha mitt lira maltin.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk jonqos li josservaha, li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------